



---

**0008/2016**

1.2.2016

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-dijabete

**Nicola Caputo (S&D), Therese Comodini Cachia (PPE), Christel Schaldemose (S&D), Sirpa Pietikäinen (PPE), Glenis Willmott (S&D), Marc Tarabella (S&D), Simona Bonafè (S&D), Daciana Octavia Sârbu (S&D), Bogdan Brunon Wenta (PPE), Nicola Danti (S&D), Tomáš Zdechovský (PPE), Marisa Matias (GUE/NGL), Marlène Mizzi (S&D), Elena Gentile (S&D), Doru-Claudian Frunzulică (S&D), Enrico Gasbarra (S&D), Tibor Szanyi (S&D), Renato Soru (S&D), Luigi Morgano (S&D), Theodoros Zagorakis (PPE), Damiano Zoffoli (S&D), Ricardo Serrão Santos (S&D), Renata Briano (S&D), Carlos Zorrinho (S&D), Isabella De Monte (S&D), Silvia Costa (S&D), Brando Benifei (S&D)**

Data ta' skadenza: 1.5.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar id-dijabete<sup>1</sup>**

1. Id-dijabete mellitus hija kundizzjoni kronika u progressiva li taffettwa 32 miljun ruħ fl-UE, u huwa mistenni li jiżdiedu għal 37 miljun sal-2040. Fl-2015, kien hemm aktar minn 266 000 mewta minħabba d-dijabete.
2. Jekk dijanostikata tard u mmaniġġjata ħażin, id-dijabete tista' twassal għal kumplikazzjonijiet debilitanti jew fatali, inklużi mard kardjavaskulari u puplesija, insuffiċjenza tal-kliewi, amputazzjonijiet u l-għama.
3. Madwar EUR 114-il biljun ntefqu fuq it-trattament tad-dijabete fl-UE fl-2013, minkejja l-isforzi magħmulu mid-Dikjarazzjoni bil-Miktub 0001/2006.
4. Ikel tajjeb għas-saħħha u eżerċizzju fiżiku jistgħu jikkontribwixxu ħafna għall-prevenzjoni jew l-ittardjar tal-bidu tad-dijabete tat-Tip 2.
5. L-adozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħha ma jistax jipprevjeni d-dijabete tat-Tip 1, iżda huwa ta' beneficiċju kbir għall-kontroll tal-marda.
6. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma msejħha illi: jagħtu priorità lid-dijabete bħala sors ta' tħassib sinifikanti flivell Ewropew fil-qasam soċjali u ekonomiku; jiżviluppaw strateġija tal-UE għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u l-kontroll tad-dijabete; jħeġġu lill-Istati Membri biex jistabbilixxu pjanijet nazzjonali dwar id-dijabete; jiżviluppaw strateġija biex jitħeġġeġ il-konsum u l-produzzjoni ta' ikel li jkun tajjeb għas-saħħha; u jikkoordinaw u jimplimentaw b'mod effikaċi l-miżuri kollha li ġew żviluppati s'issa.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.